2. Tordna illi d-deċiżjonijiet kollha, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja rigwardanti t-trobbija, saħħa edukazzjoni, attivitajiet ekstra kurrikulari tal-minuri kif ukoll dawk id-deċiżjonijiet rigward safar u ħruġ u tiġdid ta' passaport tal-minuri jittieħdu esklussivament mir-rikorrent u mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimata;

3. Tiffissa aċċess għall-minuri għal ommha l-intimata, liema aċċess għandu jkun fl-aħjar interess tal-minuri;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri, u dan sakemm l-istess minuri tagħlaq l-eta ta' tmintax-il sena jekk tiddeċiedi li tieqaf mill-istudji tagħha u tibda taħdem fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin sena jekk tiddeċiedi li tkompli bl-istudji tagħha fuq bażi full-time u konsegwentement tordna lill-intimata sabiex tħallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, kif ukoll tordna illi l-ispejjeż kollha ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstra kurrikulari tal-istess minuri jkunu a karigu taż-żewġ ġenituri b'mod ugwali u tiffissa il-modalità tali ħlas ta' spejjeż;

By means of a decree of the 28th April, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Garyson Muscat vs Casey Fenech, Application number 188/2021JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Casey Fenech in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of a sworn application in the names Garyson Muscat (ID 158494M) vs Casey Fenech (ID 34689M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 15th July, 2021, the applicant Garyson Muscat (ID 158494M) on oath requested this Honourable Court to:

1. Entrust the care and custody of the child … omissis … to the applicant, confirming that the child's residence is with him;

2. Order that all decisions, both ordinary and extraordinary, concerning the upbringing, health education, extracurricular activities of the child as well as those decisions concerning travel and renewal and issuing of the child's passport is taken exclusively by the applicant and without the néed for the respondent's signature;

3. Establish access for the child to the respondent mother, which access shall be in the best interests of the child;

4. Liquidate and fix maintenance for the child until the same child reaches the age of eighteen years if she decides to stop her studies and start working on a full-time basis, or up to twenty-three years if she decides to continue her studies on full-time basis and consequituruently order the respondent to pay maintenance as soon as it is liquidated, with all those payment modalities, including provision for the periodic increase to make up the cost of living, as well as ordering that all expenses of health, education and extra-curricular activities of the same child be at the costs of both parents equally and fixes the modality of such payments of expenses;

5. Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligħ tal-intimata, mill-impjieg jew xogħol li hija għandha jew jista' jkollha, jew minn kwalsijasi benefiċċji soċjali li hija tista' tkun qed tirċievi minn żmien għal żmien;

6. Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi depożitat f'kont bankarju indikat mill-esponenti;

7. Tordna illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri … omissis … jingħata lir-rikorrenti;

8. Tagħti dawk il-provvediemnti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri … omissis ….

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: Garyson Muscat, 5, Ta' Zrieri, Triq il-Paroċċa, Il-Mosta

Notifika: Casey Fenech, 5, Ta' Zrieri, Penthouse, Triq il-Paroċċa, Il-Mosta

Ir-Rikors fl-ismijiet Garyson Muscat vs Casey Fenech, Rikors numru 188/2021JPG, jinsab differit għall-20 ta' Ġunju, 2022, fl-10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Order that such maintenance be deducted directly from the respondent's salary or earnings, from the employment or occupation which she has or may have, or from any social benefits which she may be receiving from time to time;

6. Order that the said maintenance be deposited in a bank account indicated by the applicant;

7. Order that any social benefits and/or social assistance payable to the minor … omissis … will be granted to the applicant;

8. Provide all appropriate and timely directions concerning the minor … omissis ….

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: Garyson Muscat, 5, Ta' Zrieri, Triq il-Paroċċa, Mosta

Notification: Casey Fenech, 5, Ta' Zrieri, Penthouse, Triq il-Paroċċa, Mosta

The Application in the names Garyson Muscat vs Casey Fenech, Application number 188/2021JPG, has been postponed for hearing to the 20th June, 2022, at 10.30 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1036

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Marzu, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Doreen Spagnol vs Michael Degiorgio, Rikors numru 26/2022AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Michael Degiorgio a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Doreen Spagnol (KI 241877M) vs Michael Degiorgio (KI 407775M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-27 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrenti Doreen Spagnol (KI 241877M) bil-ġurament talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Takkorda lir-rikorrenti l-kura u l-kustodja tal-minuri … omissis …;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti għall-imsemmi minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli

By means of a decree of the 24th March, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Doreen Spagnol vs Michael Degiorgio, Application number 26/2022AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Michael Degiorgio in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of a sworn application in the names Doreen Spagnol (ID 241877M) vs Michael Degiorgio (ID 407775M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th January, 2022, the applicant Doreen Spagnol (ID 241877M) on oath requested this Honourable Court to:

1. Grant the applicant care and custody of the child … omissis …;

2. Order the respondent to pay the aplicant for the said minor the maintenance which this Honourable Court wishes

Qorti jogħġobha tiffissa skont il-bżonnijiet tal-imsemmija minuri u skont l-mezzi tal-kovenuta, liema retta tkun pagabbli fil-jum u ħin li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa;

3. Tordna illi r-rikorrenti għandha tipperċepixxi minn kull għajnuna tal-mard, benefiċċji soċjali u/jew sussidju jew allowances tal-minuri relatati mal-kundizzjoni tiegħu u tordna lid-dipartiment konċernat min fejn joħorġ dan is-sussidju tad-diżabbiltà tal-minuri u/jew awtorità oħra sabiex tagħmel dak li hemm bżonn biex din l-għajnuna tgħaddi f'kont intestat f'isem ir-rikorrenti;

4. Tillikwida dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha dovuta bħala manteniment u arretrati tal-istess, minn dik id-data li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha għandha timponi;

5. Tawtorizza lill-konvenut sabiex jirreġistra mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ossija jniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenut, illi huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Doreen Spagnol, Blokk B, Flat 3, Mo Rea court, Triq Espedito Deguara, Iż-Żurrieq

Notifika: Michael Degiorgio, Block 6A, Flat 9, Triq Ċetta Mintoff, Bormla

Ir-rikors fl-ismijiet Doreen Spagnol vs Michael Degiorgio, Rikors numru 26/2022AL, jinsab differit għall-21 ta' Ġunju, 2022, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to fix according to the needs of the said minor and according to the means of the applicant, which maintenance is to be paid on the day and time to be fixed by this Honourable Court;

3. Order the applicant to receive all sickness benefits, social benefits and/or child support or allowances related to his or her condition and order the department concerned to issue such disability allowance of the minor and/or other authority to do what is necessary to transfer such assistance to an account in the name of the applicant;

4. To liquidate such sum as this Honourable Court may deem as maintenance and arrears thereof, from such date as this Honourable court shall deem it shall impose;

5. To authorise the defendant to register with the Director of Public Registry the entry in the Public Registry of any judgement given by this Honourable Court.

With costs including those incurred in the mediation proceedings against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: Doreen Spagnol, Blokk B, Flat 3, Mo Rea court, Triq Espedito Deguara, Żurrieq

Notification: Michael Degiorgio, Block 6A, Flat 9, Triq Ċetta Mintoff, Bormla

The Application in the names Doreen Spagnol vs Michael Degiorgio, Application number 26/2022AL, has been postponed for hearing to the 21st June, 2022, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1037

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-4 ta' Novembru, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront tal-konvenuti.

Beacon Media Group Limited (C12857) ta' New Media Centre, Sqaq Sajjan, Blata l-Bajda, il-Ħamrun HMR 1640, ippreżentat Talba, fit-2 ta' Novembru, 2021, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Grech (KI 267081M) f'ismu proprju kif ukoll Dom Publications Limited (C75963)

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 4th November, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Beacon Media Group Limited (C 12857) of New Media Centre, Sqaq Sajjan, Blata l-Bajda, Ħamrun HMR 1640, filed a Claim on the 2nd November, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn Josef Grech (ID 267081M) in his own name and also Dom Publications Limited (C75963) and

u Doreen Farrugia Grech (ID 167979M) għal kull interess illi jista' jkollha in solidum u bejniethom ta' 44, Arc-en-ciel, Triq il-Ħarriġiet, L-Imqabba MQB 1481, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,012.00, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 300/2021SFJ) hija differita għat-22 ta' Ġunju, 2022, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Doreen Farrugia Grech (ID 167979M) for any interest she may have in solidum and between them of 44, Arc-en-Ciel, Triq il-Ħarriġiet, Mqabba MQB 1481, to pay the plaintiff company the sum of €4,012.00, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 300/2021SFJ) is deferred on the 22nd June, 2022, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1038

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' April, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika fil-konfront tal-konvenut John Joseph Debono skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, ippreżentat Talba, fil-25 ta' Marzu, 2021, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Maria Aquilina u lil John Joseph Debono (KI 76089M) ta' 36, JK, Flat 1, Triq Cejlu Tonna, Il-Mosta, sabiex iħallsu s-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,341.52, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 97/2021CL) hija differita għall-20 ta' Ġunju, 2022, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th April, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent John Joseph Debono.

Elmo Insurance Limited (C3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, filed a Claim on the 25th March, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn Maria Aquilina and John Joseph Debono (ID 76089M) of 36, JK, Flat 1, Triq Cejlu Tonna, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of €3,341.52, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 97/2021CL) is deferred on the 20th June, 2022, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1039

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Novembru, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Novembru, 2021, fejn talbu lit-Tribunal

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 9th November, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 5th November, 2021, whereby they

sabiex jikkundanna lil Linn Tanti (KI 172781M) ta' Luzerne Crt, Fl 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1111.14, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 314/2021CL) hija differita għat-22 ta' Ġunju, 2022, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

asked the Tribunal to condemn Linn Tanti (ID 172781M) of Luzerne Crt, Flt 2, Triq Birkirkara, St Julian's, to pay the plaintiff company the sum of €1111.14, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 314/2021CL) is deferred on the 22nd June, 2022, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1040

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Marzu, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Giuseppe Schepis.

Gordon's Motor Dealer Limited (C31490) ta' Gordon's Moto Dealer, Valley Road, Birkirkara BKR 9042, ippreżentat Talba, fit-3 ta' Marzu, 2022, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Giuseppe Schepis (KI 213201A) ta' St Helen, Flat 1B, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €4304.96, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 62/2022LC) hija differita għat-22 ta' Ġunju, 2022, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 17th March, 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Giuseppe Schepis in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Gordon's Moto Dealer Limited (C31490) of Gordon's Moto Dealer, Valley Road, Birkirkara BKR 9042, filed a Claim on the 3rd March 2022, whereby they asked the Tribunal to condemn Giuseppe Schepis (ID 213201A) of St Helen, Flat 1B, Triq il-Qawra, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of €4304.96, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 62/2022LC) is deferred on the 22nd June, 2022, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1041

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet V&C Developments Limited vs Claude Paris et Rikors numru 890/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Claude Paris a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet V&C Developments Limited (C26541) vs Claude Paris (KI386578M) u Suda

By means of a decree of the 2nd February, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the namesV&C Developments Limited vs Claude Paris et, Application number 890/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Claude Paris in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the names V&C Developments Limited (C26541) vs Claude Paris (ID

Entertainments Limited (C43427), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-12 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti V&C Developments Limited (C26541) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara li s-soċjetà esponenti hija kreditriċi tal-konvenuti fl-ammont komplessiv ta' €63,872.15 rappreżentanti l-kera, inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud relattiva, dovuta ai termini tal-preċitata skrittura ta' lokazzjoni għall-perjodu bejn is-16 ta' Settembru, 2018 u l-31 ta' Ottubru, 2021, skont l-annessi statement (Dok. VC2);

2. Jikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex iħallsu lis-soċjetà esponenti l-preċitat ammont ta' €63,872.15 dovut lis-soċjetà esponenti kif premess;

3. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenuti huma inadempjenti fit-twettiq tal-obbligi kontrattwali tagħhom jittermina l-istrittura ta' lokazzjoni datata 12 ta' Awwissu, 2013 (anness Dok. VC1);

4. Jordna konsegwentemnt l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond 28/29 magħruf bħala Jessie Bar, Triq St Andrew's, Is-Swieqi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk relattivi għall-mandat ta' sekwestru kontestwalment preżentat u tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Ottubru, 2021, u bl-imgħax legali b'effett mid-data minn meta l-ammonti relattivi saru dovuti sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li qegħdin jiġu inġunti minn issa stess għas-subizzjoni tagħhom.

Rikorrenti: V&C Developments Limited, Whyte Harte, Triq il-Kostinjuz, In-Naxxar

Intimat: Claude Paris, Villa Cupola, Triq il-Pedidelwett, il-Madliena, Is-Swieqi

Ir-rikors fl-ismijiet V & C Developments Limited vs Claude Paris et, Rikors numru 890/2021LC, jinsab differit għat-23 ta' Ġunju, 2022, fl-9.55 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

386578M) and Suda Entertainments Limited (C43427) filed in the Rent Regulation Board, on the 12th November, 2021, the applicant company V&C Developments Limited requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare that the applicant company is a creditor of the defendant in the total amount of €63,872.15 representing the rent, including the relative Value Added Tax, due in terms of the aforementioned lease agreement for the period between the 16th September, 2018 and the 31st October, 2021, according to the attached statement (Doc. VC2);

2. Condemn the defendants jointly and severally to pay the applicant company the said amount of €63,872.15 due to the applicant company as premised;

3. Subject to any declaration as may be required that the defendants have failed to comply with their contractual obligations, it terminates the lease agreement dated 12th August, 2013 (attached Doc. VC1);

4. Order the eviction of the defendants from the premises 28/29 known as Jessie Bar, Triq St Andrew's, Swieqi.

With costs including those regarding the garnishee order filed together with this application and the judicial letter dated 26th October, 2021, and with legal interest with effect from the date when the relative amounts are due till the effective payment against the respondent that from now are summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: V&C Developments Limited, Whyte Harte, Triq il-Kostinjuz, Naxxar

respondents: Claude Paris, Villa Cupola, Triq il-Pedidelwett, Madliena, Swieqi

The application in the names V&C Developments Limited vs Claude Paris et, Application number 890/2021LC, has been postponed for hearing to the 23rd June, 2022, at 9.55 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1042

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-11 ta' Mejju, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 11th May, 2022, on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177), Tuesday, 27th September, 2022 at eleven in the morning (11:00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Garaxx internament immarkat numru ħamsa (5), fil-pjan terran, aċċessibbli minn drive-in sottostanti l-blokk appartamenti bl-isem 'Dark Side of the Moon', li tiżbokka fi Triq Duke of Edinburgh, il-Ħamrun. L-imsemmi blokk appartamenti li minnu jifforma parti l-imsemmi garaxx jikkonfina mill-Punent mal-imsemmija triq, u mill-irjieħ l-oħra kollha mal-istess kumpless ta' bini proprjetà tal-aventi causa tal-istess kumpless ġja proprjetà tal-familja Agius. L-imsemmi garaxx igawdi u fl-istess ħin huwa suġġett għas-servitujiet attivi u fl-istess ħin passivi naxxenti mill-pożizzjoni tal-istess garaxx u suġġett għas-servitù ta' katusi tal-ilma tax-xita u tad-drenaġġ a favur tal-fondi sovraposti, minn ħaġa oħra liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tletin ta' Lulju, elfejn u erbatax (30.7.2014) u stmat li jiswa tletin elf ewro (€30,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Camilleri Jesmond (KI 177267M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 26/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Garage internally marked number five (5), on ground floor level, accessible from a drive-in underlying the block of apartments named 'Dark Side of the Moon', that abuts in Triq Duke of Edinburgh, Ħamrun. The said block of apartments which the said garage forms part of is bounded from west with the said street, and from all other boundaries with the same building complex property of the successors in title of the same complex previously property of family Agius. The same garage enjoys and is subject to active servitudes and at the same time passive servitudes resulting from its relative position and is subject to the servitude of rainwater and drainage pipes in favour of the overlying tenements, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances as described in the acts of Notary Francis Micallef dated thirtieth July, two thousand and fourteen (30.7.2014) and is valued at thirty thousand euro (€30,000).

The said tenement is the property of Camilleri Jesmond (ID 177267M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 26/2021.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 10th June, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1043

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Christopher Apap noe ippreżenta Rikors Ġuramentat (numru 449/22 JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku ta' Muhammed Hadi Rayhan Bin Mikael Danial Christopher Apap numru 3461/2018 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 10 ta' Ġunju, 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Christopher Apap noe filed an Application under oath (number 449/22JVC) demanding the correction of the Act of the Public Registry of Muhammed Hadi Rayhan Bin Mikael Danial Christopher Apap number 3461/2018 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 10th of June, 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1044

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Christopher Apap noe ippreżenta Rikors Ġuramentat (numru 447/22 JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku ta' Muhammed Aaron Khayr Bin Mikael Danial Christopher Apap numru 3462/2018 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, 10 ta' Ġunju 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Christopher Apap noe filed an Application under oath (number 447/22JVC) demanding the correction of the Act of the Public Registry of Muhammed Aaron Khayr Bin Mikael Danial Christopher Apap number 3462/2018 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 10th of June 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1045

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Christopher Apap noe ippreżenta Rikors Ġuramentat (numru 448/22 JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku ta' Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap numru 3463/2018 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 10 ta' Ġunju, 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Christopher Apap noe filed an Application under oath (number 448/22JVC) demanding the correction of the Act of the Public Registry of Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap number 3463/2018 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 10th of June, 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1046

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Dr Kevin Dingli noe ippreżenta Rikors Ġuramentat (numru 453/22 JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku ta' Elmira Rashidovna Ibbotson numru 1911/22 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 10 ta' Ġunju, 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Dr Kevin Dingli noe filed an Application under oath (number 453/22 JVC) demanding the correction of the Act of the Public Registry of Elmira Rashidovna Ibbotson number 1911/22 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 10th of June, 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1047

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mary Fatima Vassallo et vs Maria Dolores et, Rikors numru 880/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Dolores Darmanin a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Fatima Vassallo (KI 285150M) u żewġha John Edward Vassallo (KI 390646M) għal kull interess li jista' jkollu vs Maria Dolores Darmanin (KI 663256M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-10 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti Mary Fatima Vassallo (KI 285150M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Maria Dolores Darmanin (KI 663256M) hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 48, Lourdes, Triq it-Tempji Neolitici, Ħal Tarxien, u tikkwalifika bħala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;

2. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Maria Dolores Darmanin (KI 663256M) fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test

By means of a decree of the 2nd February, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mary Fatima Vassallo et vs Maria Dolores Darmanin et, Application Number 880/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maria Dolores Darmanin in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an Application in the names Mary Fatima Vassallo (ID 285150M) and her husband John Edward Vassallo (ID 390646M) for any interest he may have vs Maria Dolores Darmanin (ID 663256M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 10th November, 2021, the applicant Mary Fatima Vassallo (ID 285150M) et requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent Maria Dolores Darmanin (ID 663256M) is the lessee of the premises 48, Lourdes, Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal Tarxien, and qualify as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021

2. Order that the means test of the respondent Maria Dolores Darmanin (ID 663256M) be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing

tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuwhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru, 2020;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 48, Lourdes, Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal Tarxien, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna f'każ illi l-intimata Maria Dolores Darmanin (KI 663256M) ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimata mill-fond inkwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-ingġunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tigġi preżentata.

Rikorrenti: 77, Primavera, Triq Ħal Tarxien, Ħal Tarxien

Intimat: 48, Lourdes, Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal Tarxien
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Mary Fatima Vassallo et vs Maria Dolores Darmanin et, Rikors numru 880/2021LC, jinsab differit għat-23 ta' Ġunju, 2022, fil-10.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessees between 1st January and 31st December, 2020, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2020;

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises that is 48, Lourdes, Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal Tarxien, and to establish new conditions regarding the lease;

4. Order that if the respondent Maria Dolores Darmanin (ID 663256M) does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years from the 1st June, 2021.

With costs against the respondent who are from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Applicant: 77, Primavera, Triq Ħal Tarxien, Ħal Tarxien

Respondent: 48, Lourdes, Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal Tarxien
Housing Authority

The application in the names Mary Fatima Vassallo et vs Maria Dolores Darmanin et, Application number 880/2021LC, has been postponed for hearing to the 23rd June, 2022, at 10.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1048

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Marika Ellul vs Rose Gravina, Rikors numru 571/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Rose Gravina a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Marika Ellul (KI 723362M) vs Rose Gravina (KI 0659142M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-26 ta' Awwissu, 2021, ir-rikorrenti Marika Ellul talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

By means of a decree of the 2nd February, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Marika Ellul vs Rose Gravina, Application number 571/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Rose Gravina in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the names Marika Ellul (ID 723362M) vs Rose Gravina (ID 0659142M) filed in the Rent Regulation Board, on the 26th August, 2021, the applicant Marika Ellul requested this Honourable Board why it should not:

1. Jordna li jsir it-test tal-mezzi tal-intimata skont l-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa u opportuni, skont ir-riżultanzi tat-test u ċjoè f'każ illi ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond 9, St Joseph Street, Ħal Għaxaq, fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skont il-liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimata tħallas il-kumpens hekk likwidat;

3. Jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond b'effett mill-1 ta' Jannar, 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimata hekk kif dikjarat.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: 19, Edelwies, Triq Dun Marcel Mallia, Ħal Għaxaq

Notifika intimata: 9, St Joseph Street, Ħal Għaxaq
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Marika Ellul vs Rose Gravina, Rikors numru 571/2021LC, jinsab differit għat-23 ta' Ġunju, 2022 fid-9.25 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Order to carry out the means test of the respondent, in terms of Article 4A(3)(c) of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Give those orders that deem opportune, according to the means test results that is if the criteria of the means test are not met, order the eviction of the respondent from the premises 9, St Joseph Street, Ħal Għaxaq, within a peremptory time established by this Board according to law and liquidate the compensation due in terms of Article 4A(4) of Cap. 69 of the Laws of Malta and order the respondent to pay the compensation as liquidated;

3. In the event that the criteria of the means test are met order the continuation of the relative lease in terms of law, establish new conditions regarding the payment of rent due from the respondent to the applicant and order that such rent has to be revised to the amount that does not exceed 2% per annum of the free and open market value of the premises with effect from the 1st January, 2021, and order the respondent to pay the rent as declared.

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice for any other action that may be filed.

Applicant: 19, Edelwies, Triq Dun Marcel Mallia, Ħal Għaxaq

Notification respondent: 9, St Joseph Street, Ħal Għaxaq
Housing Authority

The application in the names Marika Ellul vs Rose Gravina, Application number 571/2021LC, has been postponed for hearing to the 23rd June, 2022, at 9.25 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 10th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1049

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Alfred Attard vs Emanuel Grima et, Rikors numru 844/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emanuel Grima a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Alfred Attard (KI 146868M) vs Emanuel Grima (KI 006937M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-4 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti Alfred Attard (KI 146868M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

By means of a decree of the 2nd February, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Alfred Attard vs Emanuel Grima et, Application number 844/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Emanuel Grima in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the names Alfred Attard (ID 146868M) vs Emanuel Grima (ID 006937M) and the Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 4th November, 2021, the applicant Alfred Attard requested this Honourable Board why it should not:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Emanuel Grima (KI 006937M) huwa l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 153 ġja 68, Victory Street, Il-Ħamrun, ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Emanuel Grima (KI 006937M) ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kiterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jissostituwhom;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta l-kera għandu jiġi rivedut għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar, 2021, u ċjoè s-sena li matulha ġie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kuondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ;

